MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Numru. 116/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**KONTRA**

**RICHARD MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Richard Micallef ta' 47 sena, bin Maurice Paul u Maria Carmela nee' Xerri, mwieled Sliema fis- 27 ta' Awwissu 1959, residenti fil- fond 10, Ta' l- Abatija, limiti ta' l- Imgarr u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 584159(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’ dawn il- Gzejjer, f’ Settembru tas- sena 2006 u fix- xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- rad tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha u zamm ghandu flus tal- Awtorita’ Dwar il- Medicini, liema flus jeccedu l- wiehed u sebghin elf lira Maltin (Lm71, 000), u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministarazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

2) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l- Ligi, b’ mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, inganna jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen, l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l- wiehed u sebghin elf lira Maltin (Lm 71, 000) ghad- dannu tal- Awtorita’ Dwar il- Medicini;

3) U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku impjegat mal- Awtorita’ Dwar il- Medicini, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazing minn flejjes tal- Gvern jew tal- privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l- kariga jew impieg tieghu, jew serqhom u cioe’ l- ammont ta’ wiehed u sebghin elf lira Maltin (Lm 71, 000);

4) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi halaq pattijiet,

disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il- pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l- atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihomo jew kellhom jippruvaw;

5) U aktar tali fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

6) Kif ukoll talli fl- istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

7) U aktar talli b' hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) b' sentenza taghha ta' nhar it-18 ta' Jannar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta misapproprjazzjoni ta' flus appartenenti lill-Awtorita' dwar il-Medicini fid-Dipartiment tas-Sahha allegatament kommess mill-imputat fil-perijodu bejn is-snin 2005 u 2006, fl-ammont ta' madwar mija w hamsa w sittin elf Ewro, dak iz-zmien ekwivalenti ghal wiehed u sebghin elf Liri maltin. L-imputat kien impjegat mal-Awtorita' bhala direttur tal-"corporate services" minn Gunju 2004, u ghalhekk kien responsabbli mill-finanzi, "human resources" u "administration". Qieghed jinghad li l-imputat sarraf jew iddeposita cekkijiet mahruga mill-Awtorita', kif ukoll li hu u l-mara tieghu ghamlu uzu minn

vetturi tal-kiri suppost mikrija lill-Awtorita’ ghall-uzu personali taghhom. Oltre dan, l-imputat kien ukoll siefer flimkien ma’ membri tal-familja tieghu meta l-biljetti tal-ajru kienu gew imhallsa mill-Awtorita’. B’hekk gara li, fuq medda ta’ sentejn, hu misapproprja ammont ta’ flus ekwivalenti dak iz-zmien ghal Lm71,000, illum Ewro165,000.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. F’ Ottubru 2006 l-Awtorita’ kienet irceviet avviz ta’ tahrika ta’ kontavenzjoni tat-traffiku fuq vettura allegatament mikrija lilha minn ghand Meli Car Rentals. Din il-vettura rrisulta li kienet fil-pussess tal-imputat minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita’, u b’ hekk bdiet investigazzjoni interna biex tara ghal liema perijodu l-imputat kien qed jaghmel uzu minn vettura minghajr tali awtorizzazzjoni. Meta l-investigazzjoni kixfet aktar u aktar irregolaritajiet maghmula mill-imputat, gew infurmati l-Pulizija u sussegwentement inbdew dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li kien l-imputat li effettivament immisapproprja l-ammonti ta’ flus indikati mill-Awtorita’ tal-Medicini. L-Ufficjal Prosekutur spjega kif l-imputat kien irnexxilu jiehu dawk il-flus kollha f’ perijodu tant qasir. Dan kien sar permezz ta’ zewg modi differenti – wiehed kien dak li jikri vettura ghall-uzu personali tieghu izda fuq l-isem tal-Awtorita’ u minghajr l-awtorizzazzjoni taghha, u l-Awtorita’ hallset ghal dak l-uzu – u l-mod l-iehor kien billi cekkijiet mahruga mill-Awtorita’ fuq istruzzjonijiet tieghu lil persuni fittizji jew mahruga doppji kienu jigu depositati f’ kont bankarju ta’ socjeta’ kummercjali tieghu. L-imputat kien ammetta mal-Ufficjal Prosekutur li xi uhud mic-cekkijiet kienu jigu ffirmati mill-firmatarji tal-Awtorita’ wara li kien jivvinta pagament fittizju lil kreditur fittizju, u jaghmel firma falza fuq wara tac-cekk biex jiddepositah, mentri cekkijiet ohra kien jaghti struzzjonijiet biex jinhargu doppji minghajr hadd ma jinduna, u dawn imbaghad kien ibiddel l-isem tal-“payee” u jiffalsifika firma fuq wara tac-cekk, ukoll biex ikun jista’ jiddepositah. Dan kollu gie fil-fatt ammess mil-imputat fl-istqarrijiet tieghu, esebiti a fol. 24 sa 30 tal-process. In sostenn ta’ dan kollu, apparti l-ammissjoni tal-imputat fl-

istqarrijiet, gew esebiti sensiela shiha u dettaljata ta' dokumenti li juru kemm il-kiri tal-vetturi indikati, kif ukoll ic-cekkijiet mahruga u ddepositati mill-imputat.

Di fatti, l-imputat l-anqas ikkontesta l-provi prodotti. Fix-xiehda tieghu hu pprova jiggustifika ghaliex kien ghamel hekk. Hu spjega li kellu problemi kbar finanzjarji u ma kienx jaf kif ser isolvihom. Ghalhekk beda jiffalsifika cekkijiet mahruga mill-Awtorita' u jiddepositahom f' kontijiet bankarji tieghu, u fl-istess waqt baqa' jaghmel uzu minn vetturi mikrija lill-Awtorita' ghall-uzu personali tieghu. Fl-istqarrijiet li rrilaxxja, jammetti dan kollu u jtenni li jrid jrodd kollox lura lill-Awtorita'. L-unika haga li hu jinnega li ghamel hi li ha biljetti tal-ajru ghall-familja tieghu minghajr ma rrifonda l-flus lill-istess Awtorita', izda ta' din ma ngabet ebda prova mill-imputat.

Ghalhekk il-Qorti hi konvinta li minn xi zmien fl-2005 sa Ottubru 2006, l-imputat misapporoprja xejn anqas minn Lm71,000 bil-modi hawn fuq spjegati. Ghar-rigward tal-imputazzjonijiet imressqa kontrih, l-ewwel imputazzjoni tirrisulta ampjament ippruvata. It-tieni imputazzjoni, dik ta' frodi b'eghmil qarrieqi, inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. L-istess it-tielet imputazzjoni, dik ta' uzu hazin jew serq kommess minn ufficjal pubbliku, inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, in vista tas-sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni. Kwantu ghar-raba' imputazzjoni, dik ta falsifikazzjoni, din ukoll tirrisulta ampjament ippruvata, peress illi l-imputat kien biddel diversi cekkijiet mahruga mill-Awtorita' jew iffalsifika firma fuqhom, u ghalhekk ghandu ukoll jinstab hati ta' din l-imputazzjoni, izda dan kien mezz ghall-fini tar-reat ta' misapproprjazzjoni, u ghalhekk ghandu jkun hemm assorbiment tal-piena. L-istess jista' jinghad dwar il- hames u s- sitt imputazzjoni li jitrattaw l- uzu ta' document iffalsifikat peress li dawn huma reati konprizi u nvoluti f' xulxin fir- raba' imputazzjoni.

Kwantu ghall-imputazzjoni li kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, din

fil-fehma tal-Qorti ma tirrisultax. Dik is-sentenza hi datata 18 ta’ Jannar 2006, meta mill-provi prodotti rrisulta li r-reat ta’ misapproprjazzjoni zgur kien gia’ beda fi Frar 2005, jigifieri kwazi sena qabel ma nghatat dik is-sentenza, u peress illi dan hu reat wiehed kontinwat, ma jistax jigi misjub hati ukoll li kiser id-disposizzjonijiet ta’ dik is-sentenza. Ghalhekk, minn dik l-imputazzjoni biss l-imputat ser jigi liberat.

U ghalhekk, il-Qorti issa ghandha l-aktar decizjoni difficli quddiemha, u cioe’ li tikkalibra l-piena f’ dan il-kaz. Il-Qorti hi ben konxja li l-linja difensjonali tal-imputat, ghalkemm hu qatt ma ammetta l-imputazzjonijiet kontrih, kienet wahda fejn hu pprova jirbah kemm jista’ zmien sabiex ikun f’ posizzjoni jhallas lura mqar xi haga mill-ammont mehud minnu, izda minkejja li ghaddew ‘il fuq minn tlitt snin minn meta r-reat gie mikxuf, hu baqa’ ma hallas xejn lura lill-Awtorita’. Il-Qorti taghraf li l-imputat m’huwiex persuna li sikwit ixellef difrejh mal-ligi, anzi huwa “first time offender” fil-veru sens tal-kelma, u l-uniku kundanna li ghandu hi wahda tat-traffiku li grat wara li gie kommess dan ir-reat. Il-Qorti tifhem ukoll li l-imputat kellu diffikultajiet kbar hafna bil-proceduri civili u mandati ta’ sekwestri kawtelatorji kontra tieghu fil-Qorti, u tifhem ukoll li meta kawza civili ddum ma tinqata’, tali diffikulta’ tikber. Izda dan, bid-dovut rispett lejn kulhadd, ma jista’ qatt jiggustifika li persuna fdata b’ responsabbilta’ daqshekk kbira f’ Awtorita’ governattiva, tispicca tikkommetti reat kontra l-fiducja pubblika u timmisapproprja ammont hekk konsiderevoli ta’ flus f’ perijodu relattivament qasir. Li wiehed jizbalja u jaqa’ ghat-tentazzjoni darba jew darbtejn, u jaghmel minn kollox biex jirrimedja l-hsara li jkun ghamel, il-Qorti tkun tista’ timxi b’ mod hanin mieghu. Meta, izda, wiehed jibqa’ jippersisti fl-izball tieghu ghal tmintax-il xahar shah – bl-isperanza li ma jinqabadx – u jiehu l-familja mieghu fuq btala mhallsa mill-gvern, m’ ghandu jkun hemm ebda mitigazzjoni fil-piena.

Fil-fehma tal-Qorti, il-piena ghandha tkun wahda ta’ prigunerija vicin tal-massimu, inkluz iz-zieda fil-piena bi grad jew tnejn ghar-reat kontinwat skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’

Malta, u l-piena ta' prigunerija ghandha tkun wahda effettiva, u mhux sospiza, ghalkemm l-imputat jista' jkun intitolat ghal sentenza sospiza. Il-Qorti trid tizen il-gravita' tal-kaz u l-hsara li saret fis-socjeta' civili bil-kommissjoni ta' dan ir-reat hekk gravi kontra l-fiducja pubblika, mal-karattru u l-imgieba u l-persuna tal-imputat, u fil-fehma taghha, reat hekk gravi ma jimmeritax il-beneficcju li l-piena ta' prigunerija tigi sospiza. Huwa hsieb ukoll tal-Qorti li, jekk taghti tali sentenza sospiza, tkun tista' turbot lill-imputat b' ordni ghall-hlas lura tal-ammont misapproprjat lill-gvern, izda l-Qorti tibza' li dak li ma sarx fi tlitt snin, m' hux ser isir f' sitt xhur, li hu l-massimu li l-Qorti tkun tista' taghti lill-imputat ghall-iskop tar-rifuzjoni ta' dawk il-flus. Semmai, il-Qorti tista' taghti provvediment taht l-Artikolu 24 tal-Kap 446, u b'hekk torbot lill-imputat b'dejn civili favor il-gvern ghar-rifuzjoni tal-ammont misapproprjat. Issa, l-Artikolu 294 jipprefiggi massimu ta' sentejn prigunerija, li mizjuda bi grad jew tnejn toghla ghal tlitt snin jew erba' snin, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Kap 9. Fil-fehma tal-Qorti, il-piena ghal dan ir-reat ghandha tkun dik ta' tlitt snin prigunerija, jigifieri l-piena massima ta' sentejn mizjuda bi grad wiehed, u mhux b' zewg gradi. Inoltre, il-Qorti sejra ukoll taghti provvediment ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 ghall-hlas lura ta' Ewro 165,000 lill-gvern, bit-tama shiha li l-imputat jifhem il-gravita' u s-serjeta' tar-reat li wettaq, u jfittex irodd lura fl-iqsar zmien possibbli dan l-ammont li hu misapproprja, biex hekk ikun ghamel tajjeb lis-socjeta' ghal dan ir-reat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310(1) (a), 127, 183, 184, 189, 49, 50, 190, 17, 23, 31, 532A, 532B, 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta

Issib lill-imputat hati tal-ewwel, r-raba', il- hames u s- sitt imputazzjoni, u bl-assorbiment tal- piena tikkundannah terminu ta' prigunerija ta' tlitt snin.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ mija w hamsa w sittin elf Ewro lill-Awtorita’ dwar il-Medicini, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, peress illi dawn inghataw bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni;

Ma ssibx lill-imputat hati tas- seba’ imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberah minnha.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------